TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/214/15/S

Maristelle Darmanin u Paul Darmanin
Vs
Keith Borg ezercenti l-kummerc bhala Digiline Electronics

Illum 11 ta'Frar,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Maristelle Darmanin u ta'Paul Darmanin pprezentata fit-2 ta'Novembru,2015 u r-risposta ta' Keith Borg ezercenti l-kummerc bhala Digiline Electronics ipprezentata fit-23 ta'Novembru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fil-15 ta'Dicembru,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' li wara 7 xhur minn meta inxtara, sarlu 'upgrade' u beda' jaghti l-problemi lir-rikorrenti. Min-naha tieghu l-intimat ghadda l-'mobile' lil socjeta (maghzula minnu) li ezaminatu u allegat li l-'mobile' kellu 'corrosion' u ghalhekk sahaq li ma jaqax taht il-garanzija;

Illi jinghad mal-ewwel li l-'mobile' hadem tajjeb ghal 7 xhur u kien biss meta sarlu 'upgrade' li beda' jaghti l-problemi lir-rikorrenti;

Illi l-intimat naqas milli jaghti l-informazzjoni kollha dwar il-konstatazzjonijiet maghmula minn socjeta maghzula mill-istess intimat. Jigi sottolineat li l-konsumatur ghandu dritt ghall-informazzjoni kollha li jirrigwardaw l-ilment tieghu u ghalhekk f'dan il-każ, il-konstatazzjonijiet kellhom jinghataw lir-rikorrenti mal-ewwel u fl-intier taghhom;

Illi kienet l-ghazla tal-intimat li l-'mobile' jinghata lil socjeta maghzula minnu minflok jinghata lill-agent tal-marka tal-istess 'mobile';

Illi jinghad ukoll li l-intimat ma ressaqx provi ghajr semplicament allegazzjoni, li l-'mobile' in kwistjoni kellu xi 'corrosion';

Illi ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni it-trapass taz-zmien minn mindu l-oggett inxtara u meta sar l-ewwel ilment mir-rikorrenti meta ghamlet 'upgrade' tal-istess 'mobile';

Illi r-rikorrenti ma ressqux provi dwar jekk dan l-'upgrade' kienx essenzjali jew le u ghalhekk jidher li din kienet decizjoni unilaterali daparti tar-rikorrenti;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li tenut kont dak fuq inghad, inkluz izda mhux biss, tat-trapass taz-zmien mix-xiri tal-oggett, it-talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni tal-prezz kollu, hi wahda sproporzjonata;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 - MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

Illi min-naha l-ohra dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-intimat kellu jkun iktar trasparenti mar-rikorrenti billi jtih kull informazzjoni li tirrigwarda l-'mobile' tieghu;.

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti Maristelle Darmanin u Paul Darmanin u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Keith Borg ezercenti l-kummerc bhala Digiline Electronics, Jordna lill-intimat sabiex isewwi l-'mobile' tar-rikorrenti u dan minghajr hlas daparti tar-rikorrenti u fi zmien gimghatejn mid-data ta'din id-decizjoni, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru